MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 284/2012

**Drivetec (Malta) Limited [C-32408]**

**Vs**

**Carmelo AGIUS [ID: 770449M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf mitejn u euro u tnax-il centezmu ta' euro [€1,201.12c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mitejn u ewro u tnax-il centezmu (€1,201.12) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali li gja skadew kopji ta' liema qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok 1sa Dok 5.

Il-konvenut gie mitlub ihallas diversi drabi, izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta**;**

Ra l-verbal datat 7 ta’ Novembru, 2012 fejn l-intimat iddikjara li huwa lest li jhallas dawk l-invoices li gew pprezentati llum mis-socjeta rikorrenti u li fuqhom jgharraf il-firma tieghu. Il-partijiet iddikjaraw ukoll f’din l-istess seduta li l-provi f’din il-kawza qeghdin jghoddu u jaghmlu stat fil-kawza fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius (Talba Nru. 450/10);

Ra l-kambjali li gew esebiti mat-Talba promotrici li lkoll gew iffirmati fl-20 ta’ Settembru, 2009;

Ra l-verbal datat 28 ta’ Novembru, 2012 u dak tat-8 ta’ Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra s-sentenza moghtija mit-Tribunal llum stess fil-kawza fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius (Talba Nru. 450/10);

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti tat-talba odjerna kif ukoll dawk tat-Talba fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius (Talba Nru. 450/10);

Ikkunsidra:-

1. **Is-socjeta rikorrenti** esebiet hames (5) kambjali bl-import komplessiv ta’ elf mitejn u euro u tnax-il centezmi ta’ euro (€1,201.12c). Hemm kambjala bl-import ta’ mitejn u hamsin euro (€250 a fol. 2) u r-rimanenti erba’ (4) kambjali bl-import ta’ mitejn sebgha u tletin euro u tmienja u sebghin centezmi ta’ euro (€237.78c a fol. 3 sa 6). Illi dawn il-kambjali kienu gew iffirmati mill-intimat minhabba xogholijiet u *spare parts* li l-istess socjeta rikorrenti kienet wettqet fuq xarabank proprjeta ta’ l-intimat

2. Gjaladarba l-mertu tat-Talba odjerna jitratta mill-istess fatti kostituttivi, t-Tribunal, a skans ta' ripetizzjoni jaghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minnu stess illum fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius (Talba Nru. 450/10) u ghall-konsiderazzjonijiet kollha minnu espressi f'dik is-sentenza u ghar-ragunijiet hemm moghtija u jaghmilhom, *mutatis mutandis*, applikabbli ghal dan il-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha zvolti f'dik it-Talba l-ohra fl-ismijiet Drivetec (Malta) Limited vs Carmelo Agius Talba Nru. 450/10) u ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza hawn appena msemmija, t-Tribunal qieghed jichad it-Talba odjerna bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------